

32007R0149

L 46/18

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TA' L-UNJONI EWROPEA

16.2.2007

REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 149/2007**tal-15 ta' Frar 2007****li jdaħħal ċerti denominazzjonijiet fir-reġistru tal-ispeċjalitajiet tradizzjonali garantiti****Boerenkaas (STG)**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 509/2006 tal-20 ta' Marzu 2006 dwar il-prodotti agrikoli u l-oġġetti tal-ikel li huma speċjalitajiet tradizzjonali garantiti¹ [traduzzjoni mhux uffiċjali], u b'mod partikolari l-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 9(4) tiegħu,

Billi:

- (1) F'konformità mal-ewwel subparagrafu tal-Artikolu 8(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006 u skont l-Artikolu 19(3) tar-Regolament imsemmi, l-applikazzjoni tal-Olanda biex id-denominazzjoni "Boerenkaas" tiddaħħal fir-reġistru ġiet ippublikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*².
- (2) Ġaladarba l-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda dikjarazzjoni ta' oġġezzjoni skont l-Artikolu 9 tar-Regolament (KE) Nru 509/2006, din id-denominazzjoni għandha tkun irreġistrata,
- (3) L-applikazzjoni talbet ukoll il-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2082/92 tal-14 ta' Lulju 1992 dwar ċertifikati ta' karattru speċifiku għall-prodotti agrikoli u l-prodotti tal-ikel³, li jikkorrispondi għall-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006. Fl-assenza ta' oppożizzjoni, ma ntweriex li l-isem huwa utilizzat b'manjiera legali, magħrufa u ekonomikament sinifikanti għal prodotti agrikoli jew tal-ikel simili. Jeħtieġ għaldaqstant li l-applikazzjoni tintlaqa'.

¹ ĠU L 93, 31.03.2006, p. 1.

² ĠU C 316, 13.12.2005, p. 16.

³ ĠU L 208, 24.7.1992, p. 9. Ir-Regolament tħassar bir-Regolament (KE) Nru 509/2006.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Id-denominazzjoni msemmija fl-Anness għal dan ir-Regolament għandha tkun irreġistrata.

Il-protezzjoni msemmija fl-Artikolu 13(2) tar-Regolament (KE) Nru 509/2006 għandha tapplika.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, 15 ta' Frar 2007.

Għall-Kummissjoni
Mariann FISCHER BOEL
Membru tal-Kummissjoni

ANNEX

Boerenkaas

STG

1.3. Ġobnijiet

L-OLANDA

Lista L-użu tad-denominazzjoni huwa rriservat